MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 11(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgħa, 27 ta'Settembru 2011, fil-4:30p.m.

1. **<u>Preżenti</u>** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| | |
| A/**Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Aġġudikar ta' Tender MXLC02/2011
6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**1. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**1.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 10(2011) u dawn ġew approvati fuq proposta tas-Sur Remigio Cassar issekondata mis-Sindku u li għaddiet b'mod unanimu

**2. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

Ma kienx hemm

**3. <u>Korrispondenza</u>**

Nqrat il-korrispondenza kollha ricevuta

**3.1** Il-Kusill irċieva e-mail datat 14 ta' Settembru 2011 mingħand Isabella Camilleri Aquilina (OPM), fejn ġie mitlub jikkonferma jekk l-istess Kusill Lokali kienx irriserva fondi ghall-proġett li kien ser jitwettaq fil-housing Estate u li għalih kienet ġiet sottomessa applikazzjoni taħt Skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali f'lokalitajiet żgħar (Memo 63-2011). Wara li l-Agent Segetarju Ezekuttiv ta' stampa tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kusill, ġie deċiż illi mill-fondi ta' din is-sena ma kienx hemm lok sabiex issir ir-riserva li kienet tammonta għal madwar €30 000 (tletin elf ewro). Is-Sur Pomroy qal illi l-proġett kien ġie ppjanat li jitwettaq matul is-sena 2013

u għaldaqstant setgħet issir riserva mill-allokazzjoni ta' l-2012. Kien hemm qbil unanimu dwar dan

**3.2** E-mail datat 26 ta' Settembru 2011 minghand Ravi Dube fejn il-Kunsill gie mitlub japprova l-ġbid ta' xeni għall-film Sinbad nhar it-8, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2011 fl-inhawi ta' Delimara. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma jsir ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**3.3** Ittra datata 5 ta' Settembru 2011 mingħand Transport Malta rigward applikazzjoni ghal parkeġġ riservat li l-istess Transport Malta kienet irċeviet mingħand is-Sur Antonio Darmanin ta' 6, Daħlet Ġużeppi Stagno, Marsaxlokk, Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma għandux joġġezzjona din it-talba.

**3.4** E-mail datat 22 ta' Settembru 2011 fejn il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi l-persuna kompetenti li tieħu ħsieb il-*playing fields* li jaqgħu taħt ir-respobsabilita' tal-Kunsilli Lokali għandha tkun kwalifikata bħala *Mechanical Engineer.*

**3.5** Permezz ta' E-Mail datat 20 ta' Settembru 2011, Marthese Baldacchino minn MEPA infurmat lill-Kunsill Lokali li l-ammont allokat għal lokalita' ta' Marsaxlokk taħt l-*Urban Improvement* Fund kien jammonta għal €44 443.45.

**3.6** E-mail datat 19 ta' Settembru mingħand Melanie Drury fejn f'isem il-kumpanija My Destination (Malta), il-Kunsill ġie offrut il-possibilita' li jittella' *virtual tour* tal-lokalita'. Il-prezz għal dan ix-xogħol kien ta' €295 għal tmien *shots*. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma jwettaqx dan it-tour izda jżomm din il-proposta għal referenza futura.

**3.7** Ittra mingħand FITA (foundation for Information Technology Accessibility) fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħti informazzjoni li kellha tgħin fl-iżvilupp u riklamar ta' MSE (Maltese Speech Engine ). Kien hemm qbil illi l-Kunsill kellu jgħaddi l-informazzjoni mitluba.

**3.8** E-Mail mingħand Maria Grech datat 13 ta' Settembru 2011 fejn il-Kunsill ġie mitlub jindika siti storiċi li fihom ma jkun qatt sar filming sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi fil-programm Skoperti li kien ser jixxandar fuq NET TV. Il-membri tal-Kunsill ma individwaw ebda sit u dwar dan kienet ser tiġi infurmata is-Sinjura Grech.

**3.9** E-Mail minghand Marcon Cassar datat 7 ta' Settembru 2011 rigward applikazzjoni għal proġett ASSP 2011-2012. Wara li inqrat l-Email ġie deċiż illi għandu jiġi kkuntattjat is-Sur Lorry Schembri li kien infurmat sewwa dwar din il-proposta tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Schembri kien ser jintalab jikkordina l-ħidma sabiex tkun tista' timmaterjalizza din il-proposta.

*F'dan l-istadju daħal għal-laqgħa is-Sur Edric Micallef ( 5:30p.m.)*

**3.10** Memo 87/2011 datat 20 ta' Settembru 2011 rigward skema ta' finanzjament ta' proġetti Speċjali 2011. Wara li inqrat il-memo ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali ma kellux japplika għal dawn il-fondi

**3.11** E-Mail minghand Catherine Farrugia datat 14 ta' Settembru 2011, fejn il-Kunsill Lokali ġie mitlub iwaħħal barriers protettivi biswit ir-residenza tas-Sinjura Farrugia minħabba illi kien qiegħed ikun hemm ammont ta' inċidenti li setgħu jweġġgħu lil xi

individwu. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż illi s-Sinjura Farrugia tipi mħeġġa tikteb ittra lil Transport Malta sabiex ikunu jistgħu isiru l-*barriers* mitluba

**3.12** Memo 89/2011 datat 22 ta' Settembru 2011 rigward attivitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Il-Kunsill gie mitlub jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk kienux ser jinżammu attivitajiet sabiex jinġabru fondi għall-*Malta Community Chest Fund* matul ix-xhur ta' Novembru/Diċembru 2011. Il-Kunsill iddeċieda illi għal din is-sena ma kienx ser jipparteċipa. Dan minħabba l-fatt li kienet ser tiġi mtella' attivita' ta' ġbir ta' fondi b'riżq zgħazugħ minn Marsaxlokk. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi aktar dettalji dwar din l-attivita' kienet ser tingħata fil-ħin opportun.

**3.13** E-mail datat 30 ta' Awissu 2011 minghand Transport Malta fejn il-Kunsill ingħata gwida tar-regolamenti li kellhom jiġu osservati sabiex issir *traffic calmer* li kienet qiegħda tiġi proposta fi Triq Bir Rikka. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi din it-*traffic calmer* kienet gie mitluba mis-Sinjura Simone Cini li kienet residenti f'din it-triq. Wara diskussjoni libera il-Kunsill iddeċieda illi kien ser ikun ferm diffiċli illi jiġi deċiz quddiem liema residenza kellha tiġi installata t-*traffic calmer*. Għaldaqstant, peress illi s-Sinjura Cini kienet għamlet it-talba kellha tiġi kkuntattjata permezz ta' ittra li fiha tiġi mitluba l-approvazzjoni sabiex l-istess *traffic calmer* tiġi installata quddiem ir-residenza tagħha.

**3.14** E-Mail mingħand Chris Schembri f'isem Transport Malta fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-istess Transport Malta kienet qiegħda tapprova illi jsiru tabelli *Keep Clear Except for loading and unloading* f'partijiet minn Xatt is-Sajjieda hekk kif mitlub il-Kunsill.

**3.15** E-mail datat 30 ta' Awissu 2011 mingħand Sina Bugeja, fejn apparti ringrazzjament għax-xogħol li kien twettaq fiz-zona ta' Tas-Silġ, il-Kunsill ġie mħeġġeg jevalwa l-possibilita' illi jiġu installati tabelli direzzjonali mar-Roundabout li tagħti għal Delimara u traffic islands ta' madwarha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ġie deċiz illi kellha tintbaghat ittra lil Transport Malta sabiex jiġu installati dawn it-tabelli peress li z-zona koncernata kienet fi triq li taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali

**3.16** Ittra datata 27 ta' Settembru 2011 mingħand is-Sur Joseph Debono, sid tal-Qrolla Kiosk fejn kif mitlub is-Sur Debono għadda ritratti ta' tined li jixtieq jinstalla mad-dawra ta' l-istess kiosk. Wara diskussjoni libera ġie deċiz illi s-Sur Debono jintalab jissottometti pjan dettaljat permezz ta' perit li jindika ezatt fejn ser jiwaħħlu dawn it-tined. Fl-istess waqt kien ser jintalab parir lill-MEPA dwar jekk il-Kunsill għandux jieħu deċizjoni immedjata jew aktar 'il quddiem.

**3.17** Ittra datata 23 ta' Awissu 2011 mingħand MEPA fejn il-Kunsill ġie infurmat illi kien inħareġ permekss lil sid Rizzu Restaurant li jinstab f'Xatt is-Sajjied sabiex jitpoggew imwejjed u siġġijiet barra l-istess restaurant.

**3.18** Ittra minghand MEPA fejn il-Kunsill ġie infurmat illi S-Sur Robert Farrugia Vella kien applika għal road alignment ta' Triq il-Port Ruman. Wara diskussjoni libera ġie deċiz illi din id-deċizjoni kellha titħalla f'idejn l-awtoritajiet kompetenti.

**3.19** E-Mail datata 22 ta' Settembru 2011 minghand MEPA fejn il-Kunsill ġie infurmat illi kienu inħarġu pjanti ġodda għall-bini ta' electrical power generating station ġdida fi

Triq il-Powerstation, Marsaxlokk. Kien hemm ħmistax il-ġurnata ċans sabiex isiru oġġezzjonijiet jew suġġerimenti dwar din l-applikazzjoni (PA04854/09)

**3.20** Il-Kunsill ircieva ittra mingħand MEPA li permezz tagħha l-istess Kunsill Lokali ġie mitlub dettalji tal-bandli ġodda li kienu ser jiġu installati flimkien ma' bankijiet, dwal, *litter bins u water feature* fi Triq il-Wilġa (PA/01645/10)

Wara inqrat lista ta' ilmenti li l-istaff tal-Kunsill kien irċieva sabiex tittieħed deċiżjoni dwarhom

## 4. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

**4.1** Is-Sindku qal illi kien irċieva telefonata mingħand il-kap ta' l-iskola sabiex Triq Tax-Xerriek tingħalaq għat-traffiku bejn is-7:30a.m. u t-8:30a.m. fil-ġranet li l-istudenti jkollhom l-iskola.Dan peress li diversi ġenituri kienu qiegħdin iwasslu lil uliedhom ferm qabel il-hin li fih jinfetħu l-bibien ta' l-iskola (8:25a.m.) u jħalluhom fit-triq waħedhom. Il-Kunsill evalwa din it-talba u wara diskussjoni ġie deċiz illi kemm il-darba din it-talba tiġi aċċettata kienet ser tinħoloq inkonvenjenza kbira lis-sewwieqa tal-vetturi. Għaldaqstant, il-Kunsill kien qiegħed jipproponi illi l-istudenti jidħlu minn gate li tinstab fi Triq San Frangisk. Apparti mil-fatt illi biswit din il-gate ma jgħaddix traffiku, l-istess gate hija msaqqfa u għaldaqstant toffri kenn mill-elementi għall-kuntrarju tal-gate li qiegħda tintuza fil-prezent

## 5. <u>Aġġudikar ta' Tender MXLC02/2011</u>

**5.1** Hekk kif propost waqt il-laqgħa tal-Bord ta' l-għazla rapprezentanti tal-Kumpanija Alfred Schembri & Sons Ltd. Issejħu sabiex ikunu prezenti għal-laqgha. Il-Viċi-Sindku infurmahom illi il-Kunsill kien qiegħed jistenna illi parti mix-xogħol ikun inbeda u jinstab f'fazi avvanzata qabel Diċembru 2011. Kien hemm disk/ussjoni dwar kif kien ser isir il-ħlas rigward partijiet mix-xogħol li jikkonċernaw lid-Dipartiment tad-Drenaġġ. Gie deċiz illi tinzamm laqgħa mas-Sur Joseph Curmi sabiex tiġi rizolta din il-materja. Il-Vici-Sindku qal ukoll illi x-xogħol kien mistenni jitwettaq f'fazijiet sabiex ma jkunx hemm xogħol għaddej f'aktar minn triq waħda fl-istess perjodu. Kien hemm qbil illi l-ewwel isir *Stormwater crossing* fi Triq l-Imriekeb segwit minn xogħol fi Triq Duncan. Kellu wkoll jiġi kkuntattjat is-Sur Zerafa Boffa rigward l-immaniġġjar tat-traffiku waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħolijiet. Finalment ir-rapprezentanza tal-kumpanija Alfred Schembri & Sons Ltd. ġiet infurmata illi aktar tard kienet ser tittieħet deċizjoni dwar l-aġġudikar tas-sejħa.

**5.2** L-Aġent Segretarju Ezekuttiv qara l-minuti tal-Bord ta' l-għazla li kien ippropona illi s-sejħa għall-offerti tingħata lil Alfred Schembri & Sons Ltd. Wara diskussjoni qasira fuq proposta tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Remigio Cassar u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-għazla.

## 6. <u>Approvazzjoni ta' ħlasijiet</u>

**6.1** Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 09/11) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti

## 7. Affarjiet Oħra

**7.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-jigger tal-Kunsill kienu żviluppawlu xi ħsarat. Sabiex jissewwa kien hemm spiza ta' €269 ( mitejn u disa' u sittin ewro). Huwa żied illi jigger ġdid kien jiswa €960 u talab lill-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar x'għandu jsir. Kien hemm qbil illi għandu jissewwa l-jigger li għandu l-Kunsill

**7.2** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien irċieva kont mingħand Waste Oils Company Limited li jammona għal Ewro531 bħala ħlas tal-ġbir ta' sitt metri kubi ta' *Waste Oil*. Huwa żied illi sa fejn kien infurmat dan ix-xogħol ma kienx ġie ordnat mill-Kunsill Lokali. Il-membri tal-Kunsill ikkonfermaw illi ħadd minnhom ma kienx jaf b'dan ix-xogħol u dwar dan kellha tiġi infurmata Waste Oils Company Limited

**7.3** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi tliet kuntratti li l-Kunsill kellu kienu għalqu u kien hemm il-ħtieġa li jinħarġu xi sejħiet għall-offerti. Wara diskussjoni qasira ġie approvat illi jinħarġu sejħiet għall-offerti

**7.4** Is-Sur Steven Grech qal illi kienet ittellgħet filata ġebel fuq dak eżistenti bejn grawnd tal-futbol u l-bandli ta' Port Ruman. Madanakollu kien hemm il-bżonn illi isir fencing minhabba raġunijiet ta' sigurta'. Wara diskussjoni libera ġiet deciz illi l-istaff jiġbor il-kwotazzjonijiet meħtieġa.

**7.5** Is-Sur Steven Grech qal illi kien hemm bżonn illi titgħatta pump room tal-funtana li kienet saret f'Xatt is-Sajjied. Huwa qal li kien ġabar xi kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol u l-irħas waħda kienet ta' MCS fabrications li kienet tammonta għal €814.20. Fuq mozzjoni ta' l-istess sur Grech u li giet issekondata mis-Sindku din il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**7.6** Is-Sur Steven Grech qal li kien ġabar kwotazzjoni mingħand Vincent Mifsud Ltd. Għad-dawl tas-siġar ta' Xatt is-Sajjied. Huwa qal li l-ispiza totali kienet ta' €824.50. Fuq proposta tas-Sur William Pomproy, issekondata mis-Sindku il-kunsill unanimament approva illi jordna dan ix-xogħol.

**7.7** Is-Sur Remigio Cassar qal illi fiż-żona ta' Tas-Silġ kienu inbnew xi appartamenti. Arblu tad-dawl li kien hemm inzerta ħabat f'nofs bieb ta' garaxx u hemm bżonn jiġi rilokat. Kien hemm qbil illi l-Kunsill jara illi din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata.

**7.8** Is-Sur Steven Grech qal illi fil-passat kienet ġiet evalwata l-possibilita' illi Triq il-Port Ruman tibidel minn Triq *two way* triq *one-way*. Huwa żied illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm il-bżonn illi l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar din il-materja. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex din il-proposta titwettaq

**7.9** Il-Kunsill qabel unanimament li ssir proposta għal-approvazzjoni lil Transport Malta, sabiex f' Xatt is-Sajjieda jsiru *double yellow line* permezz ta' *studs* minn quddiem ir-residenza nru 45 sad-Duncan Restorant, dan minħabba l-funtana u l-pavimentar, kif ukoll minn quddiem ir-residenza nru 45 sal-Gente di Mare Restorant għandu jkun hemm permess għal parkeġġ mit-Tnjen sas-Sibt, fil-waqt li l-Ħadd m'hemmx permess għal parkeġġ. Mill-Gente di Mare sa Triq Xatt is-Sajjieda kantuniera ma Triq il-Kunċizzjoni wkoll għandu jsir double yellow line peressli din il-parti tat-triq tidjieq.

| | |
|---|---|
| **Stephen Caruana** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**